QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2025**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Numru:- 57/2020/1 JVC**

**Sandy Yacht Marina Limited (C-53625)**
**ta' Sea Breeze, G. Cali Street, Ta' Xbiex**
**Malta**

**Vs**

**Bastiment M/Y Leymor registrat gewwa Malta bin-numru ufficjali 17186**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Sandy Yacht Marina Limited (C-53625) ta' Sea Breeze, G.Cali Street, Ta' Xbiex, Malta li originarjament gie

prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) li jitlob li li originarjament gie prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) li jitlob li l-Bastiment intimat:

'Tgħid il-għaliex m'ghandekx tkun kkundannat thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi ta' salvatagg tal-bastiment M/Y Leymor u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta' rikorrenti in konessjoni ma' din l-operazzjoni ta' salvatagg ai termini tal-fattura datata disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) (hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi dan il-bastiment M/Y Leymor huwa registrat taht il-bandiera marittima Maltija li ghandu n-numru ufficjali tar-registrazzjoni 17186;

Illi dawn is-servizzi pprovduti lill-bastiment M/Y Leymor jaqghu taht l-Artikolu 742B(j) u (k)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, din il-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-bastiment intimat hija koperta bi privilegg specjali ai termini tal-artikolu 50(d) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minkejja l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti interpellat diversi drabi lill-bastiment intimat u/jew rapprezentanti tieghu sabiex jersqu ghal hlas ta'din il-fattura, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 2019 bin-numru 804/2019, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok B, huma baqghu inadempjenti u sal-gurnata tal-lum dan l-ammont ghadu ma giex rimborzat lis-socjeta' rikorrenti.

Ghaldaqstant l-bastiment intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' hdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800);

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta tas-socjeta Barra Scuba Limited (C46346) ghan-nom u in rappprezentanza tal-Bastiment M/Y Leymor li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, qieghed jigi rilevat mis-socjeta esponenti illi huma qatt ma gew innotifikati bir-rikors promotur u l-avviz tas-smiegh f'dawn il-proceduri, dan ghaliex il-firma fuq il-*"pink card"*mhijiex ta' d-direttrici Vivienne Whitehead kif indikat, u kien stante li rcevew digriet sussegwenti illi huma qeghdin issa jintavolaw r-risposta taghhom fit-terminu prefiss lilhom**;**

2. Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi s-socjeta esponenti hija l-propjetarja tal-bastiment intimat M/Y Leymor, liema bastiment safa dannegjat minn Marine Services Limited (C9181) u Luke Joseph Mifsud (261891M) u dan waqt ingagg ta' *service* annwali li kien qed isir lill-bastiment *de quo;*

3. Illi preliminarjament ukoll jigi rilevat mis-socjeta esponenti illi kawza ta' dawn id-danni estensivi sofferti mis-socjeta esponenti, gew inizjati proceduri gudizzjarji ohra quddiem il-Prm Awla tal-Qorti Civili bl-ismijiet Barra Scuba Limited vs. Marine Services Limited et bin-numru 613/2019 illi ghadhom qed jinstemghu;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, qed jigi eccepit mis-socjeta esponenti illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-salvatagg li sehh fuq il-bastiment intimat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), fil-maggior parti tieghu, sar minn rapprezentanti u *staff* tas-socjeta esponenti, u ghalhekk tali fattura mahruga mill-istess socjeta attrici (Dok A in atti) ma tista qatt taghmel sens, u konsegwentement qed tigi ampjament kontestata;

6. Illi, ghalhekk, l-ammont rilevat mis-socjeta attrici huwa inveritier, illecitu u dizonest ghall-ahhar u dan kif ser jigi indikat matul il-procedument ta' din il-kawza.

7. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad illi dan l-ammont ilu snin jigi kontestat, u dan min mindu gie ipprezentat lis-socjeta esponenti l-ewwel darba fis-sena elfejn u tmintax (2018), hekk kif sussegwentament l-istess socjeta esponenti irrispondiet ghall-ittra ufficjali bin-numru 804/2019 permezz ta' ittra risponsiva li tinsab fl-atti taghha stess intavolata fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn annessa u mmarkata Dok BS1);

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Bl-ispejjez u interess legali kollha kontra s-socjeta' attrici, li hu minn issa ingunta in subizzjoni.'

Rat id-digriet *in camera* tal-Qorti tal-Maġistrati datat nhar l-01 ta` Settembru 2023 fejn dik il-Qorti issolevat *ex-officio* l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta kompetenza *ai termini* tal-artikolu 345(1) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat is-sentenza datata nhar is-06 ta` Novembru 2023 dwar l-eċċezzjoni solevata *ex-officio* mil-Qorti tal-Maġistrati;

Rat id-digriet *in camera* tal-Qorti tal-Maġistrati datat nhar is-06 ta` Novembru 2023;

Rat id-digriet ta' din l-Qorti datat nhar it-28 ta Novembru 2023 fejn appuntat il-kawża ghas-27 ta' Frar 2024;

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar, 2024 li permezz tieghu din il-Qorti tat ir-raguni ghalfejn ma kellux jerga' jinfetah l-istadju tal-provi;

Rat l-affidavits, xiehda, dokumenti u l-provi kollha mressqa fl-atti;

Semgħet it-trattazzjoni orali ta` l-avukati difensuri taż-żewġ partijiet;

Rat illi fil-verbal datat 23 ta' April , 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum għad-deċiżjoni;

Rat l-atti kollha.

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-każ odjern talba għall-ħlas ta' allegat servizz ta` salvataġġ (ossija bil-lingwa Ingliża *Salvage Service*), li skont is-soċjetà rikorrenti ġie mogħti lill-bastiment intimat, M/Y Leymor, nhar is-27 ta` April 2018.

Illi skont is-soċjetà rikorrenti l-bastiment intimat, cioe M/Y Leymor kien qed jegħreq filwaqt li kien fl-irmiġġ tiegħu ġewwa s-*Sandy Yacht Marina*. B`dan li impjegati u nies oħra li kienu preżenti ġewwa l-istess marina infurmaw lil Marina Manager, li kienet preżenti fuq il-post meta l-bastiment kien qed jegħreq (ara r-ritratti a fol. 26 et seq) w'għalhekk skattat l-operazzjoni sabiex l-ingress tal-ilma ġewwa l-bastiment jitwaqqaf u l-bastiment jerġa' jinġieb fil-livell normali tiegħu.

Illi, minn naħa l-oħra, s-soċjetà Barra Scuba Limited ghal nom u in rappreżentanza tal-bastiment intimat ma taqbilx mal-fatti kif preżentati mis-soċjetà rikorrenti u dan primarjament stante li skont l-istess is-soċjetà Barra Scuba Limited mhux minnu li l-bastiment M/Y Leymor kien fil-periklu li jegħreq u konsegwentement is-servizzi reżi ma kienux dawk ta` salvataġġ. Il-Bastiment intimat jinsisti li s-servizzi allegatament prestati mis-soċjetà rikorrenti nhar is-27 ta` April 2018 kienu fil-maġġor parti tagħhom saru minn rappreżentanti u mpjegati tal-istess soċjetà Barra Scuba Limited u mhux tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-vertenza principali bejn il-partijiet hija jekk is-servizz moghti mis-socjeta' rikorrenti jikwalifikax għal salvataġġ skont id-definizzjoni tal-liġi. Għalhekk fl-ewwel lok, din l-Qorti ser tibda sabiex tistabbilixxi x'inhi d-definizzjoni ta` salvataġġ u jekk tapplikax għall-każ odjern.

Illi l-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta (Att dwar il-Bastimenti Merkantili) ma jagħtix definizzjoni apposita fit-tieni artikolu tieghu fejn appuntu jinghataw it-tifsir. Il-Qorti għalhekk ser tagħmel referenza lejn il-*Black`s law* sabiex tara kif dan jiddefinixxi l-istess salvataġġ u s-servizzi reżi f`sitwazzjoni ta` salvataġġ.

> *Salvage: [1] The rescue of imperiled property. [2] The property saved or remaining after a fire or other loss, sometimes retained by an insurance company that has compensated the owner for the loss. [3] Compensation allowed to a person who, having no duty to do so, helps save a ship or its cargo. Also termed (in sense 3) salvage award; reward.*
>
> *Salvage service: The aid or rescue given, either voluntarily or by contract, to a vessel in need of assistance because of present or apprehended danger. Although salvage may involve towing, it is distinguished from towing service, which is rendered merely to expedite a voyage, not to respond to dangerous circumstances.* [1]

[1] Garner. B. (2004), Black`s Law Dictionary.

Illi, l-Qorti hija ukoll konsapevoli li l-Kenney jiddefinixxi salvataġġ bħala:

> *'a service which saves or helps to save a recognised subject of salvage when in danger, if the rendering of such service is voluntary in the sense of being solely attributable neither to pre-existing contractual or official duty owed to the owner of self-property nor to the interest of self-preservation.'*[2]

Ill l-Qorti taghmel ukoll referenza għad-definizzjoni ta` salvataġġ taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali tas-Salvataġġ ta` 1989 (*International Salvage Convention of 1989*). Din tiddefinixxi operazzjoni ta` salvataġġ hekk:

> *'Salvage operation means any act or activity undertaken to assist a vessel or any other property in danger in navigable waters or in any other waters whatsoever.'*

Illi, mis-suespost din l-Qorti tista` tasal għal konklużjoni li salvataġġ jew assistenza ta' salvataġġ lill-bastiment għandu tkun azzjoni *impromptu* u volontarja minn terz li mhux sid  tal-proprjetà marittima li tkun f`periklu.

Illi, gia la darba ġiet stabbilita' id-definizzjoni ta` salvataġġ (ossija bil-lingwa Ingliża *salvage*) din l-Qorti ser tagħdi sabiex tanalizza d-dispożizzjonijiet tal-liġi, u cioe dawk artikoli relevanti u applikabbli

---

[2] Civil Salvage (5th Edition 1985) vide 'The Cythera' 1965, 2 Lloyd`s Rep 454, Supreme Court of New South Wakes.

tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tkun tista' tixtarr kif jiġi stabbilit salvataġġ taħt il-liġi Maltija.

Illi, fil-liġi nostrana dan l-istitut hu regolat mill-artikolu 343 *et seq* tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi, l-artikolu 343(1) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta jgħid:

> *'Meta xi bastiment, malti jew barrani, ikun innawfraga, inkalja jew f'periklu f'xi post fuq jew ħdejn ix-xtajtiet fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta u jingħataw servizzi minn xi persuna f'għajnuna lil dak il-bastiment jew fis-salvataġġ tal-merkanzija jew tal-apparat ta' dak il-bastiment jew xi parti minnhom, jew meta jingħataw xi servizzi minn xi persuna barra mir-receiver of wreck fis-salvataġġ ta' xi fdal ta' bastiment nawfragat, għandu jitħallas lil min jagħmel is-salvataġġ mis-sid tal-bastiment, tal-merkanzija, tal-apparat, jew tan-nawfraġju, ammont xieraq ta' salvataġġ skont l-ammont tal-proprjetà salvata'.*[3]

Illi, l-artikolu 343(2) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta jgħid:

> *'Dan l-artikolu għandu japplika wkoll għal kull servizzi mogħtija kif intqal qabel dwar bastiment nawfragat, inkaljat jew f'periklu f'xi post f'xi baħar miftuħ jekk il-proprjetà li dwarha jista' jintalab salvataġġ tkun inġiebet fil-ġurisdizzjoni Maltija`.*

Illi, l-artikolu 344 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta jgħid:

---

[3] Sottolinjar ta` din il-Qorti

*'Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet dwar salvataġġ ta' dan l-Att*

*(a) ir-responsabbiltà tas-sid li jħallas salvataġġ għandha tapplika wkoll għal persuni li jkollhom interess li jkun ġie salvat bil-fatt li l-proprjetà tkun nġiebet f'posizzjoni ta' sigurezza;*

*(b) ma jkollu jitħallas ebda salvataġġ –*

*(i) lil persuni li jkollhom dik ir-relazzjoni mal-bastiment li jingħata għajnuna jew li jiġi salvat hekk li jkun id-dmir tagħhom li jagħtu għajnuna barra milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief meta s-servizzi mogħtija jkunu ta'xorta eċċezzjonali; jew*

*(ii) lil persuni li jagħtu għajnuna minkejja l-projbizzjoni espressa u xierqa tal-bastiment li lilu tingħata l-għajnuna.'*

Illi, a bażi ta' l-artikolu 343 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta għandu l-ewwel jiġi stabbilit jekk is-servizz prestat mis-soċjetà rikorrenti jistax jitqies bħala salvataġġ skond il-liġi.

Illi, in effett mill-Qrati nostrana gie stabbilit ukoll lir-rekwiżiti ta' salvataġġ huma erbgħa (4).

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Marine Services Ltd vs Captain Morgan Leisure Ltd u l-Vapur Charlotte Louise*** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-28 ta' Frar 2001 biċ-ċitazzjoni numru 2796/1997, intqal li l-ewwel rekwiżit hu:

> *'the service must be rendered to a legally recognised subject of salvage, that is to say, to vessels, their apparel, cargo and merchandise, bunkers, wreck and so called freight at risk.'*

Illi, fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Buttigieg vs Dr. Tania Sciberras Camilleri noe*** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-8 ta' Jannar, 2010 biċ-ċitazzjoni numru 2652/1999/1 intqal li l-bqija rekwiżiti huma s-segwenti: it-tieni rekwiżit huwa li *'the service must be voluntary'* it-tielet rekwiżit huwa li *'the subject of the salvage must be in danger'* u r-raba` rekwiżit huwa li *'the service must be successful'*.

Illi, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa rekwiżit wieħed wara l-ieħor skond il-provi prodotti fil-kawża odjerna:

(i) L-ewwel rekwiżit – cioe *'the service must be rendered to a legally recognised subject of salvage, that is to say, to vessels, their apparel, cargo and merchandise, bunkers, wreck and so called freight at risk.'*

Illi fl-affidavit tiegħu Alan Mark Whitehead (a fol. 54) ikkonferma li Barra Scuba Limited hija l-propjetarja tal-*catamaran* bl-isem Leymor. A fol 55 jixhed ulterjorment kif isegwi:

*'While I do not have an issues with paying for work carried out by Sandy Yacht Marina`s staff and for using the lift bags and pump [omissis]'.*

Illi Lynsay Bryson fl-affidavit tagħha (a fol. 57) tistqarr li:

*' when we arrived, there were lifting bags in place, lifting Leymor back up.'*

Fl-affidavit ta` Jordan Morley (a fol. 59) huwa stqarr kif isegwi:
*'I received a phone call from the marina, particularly from Ivan Bartolo who used to work as a diver at the marina, informing me that Leymor had taken in water and was semi-submerged from the starboard side. In fact, it was he who dived in the water to fill up the lifting bags to prevent the Leymor from sinking any further.'*

Illi in vista tas-suespost l-Qorti tqis li l-ewwel rekwiżit ġie sodisfatt stante li m'hemmx dubju kif ħareġ mix-xhieda prodotti mil-intimat stess li l-allegati servizzi ġew prestati fuq il- bastiment M/Y Leymor.

(ii) It-tieni rekwiżit - '*the service must be voluntary*'

Illi, mix-xhieda ta` Ivan Bartolo fis-seduta tas-6 ta` Diċembru 2021 (a fol. 62A) meta mistoqsi:

*'Qorti: Mela inti kont titqabbad bhala diver, ma` l-kumpanija Sandy Yacht Marina.*
*Xhud: Ezatt.*
*[omissis]*
*Xhud: Iva. Hemm, kien ha jispicali x-shift u nara dgħajsa maqluba.*
*Avukat: Mela filfatt dik il-mistoqsija li jmiss. Mela, l-incident hemm, ta` sebgha u ghoxrin t` April elfejn u ghoxrin. Jimporta tispjegalna ftit x` tiftakar minn dakinhar. Jigifieri x` gara? Min kien involut? U inti x` ghamilt?*
*Xhud: Mela, hemm, naħseb kienu xi sitta u nofs ta` filgħaxija, xi haġa hekk, is-sitta u nofs, is-sebgha. Hemm, kont sejjer lejn id-dar, hiereg mill-uffiċju u qed nara l-bastiment jilistja, sewwa? Hemm, ghajjat lil kollega tieghi.*
*Avukat: Meta tghid jilistja ghidt? Tista` tispjega ftit?*

*Xhud: Jigifieri kien qabad jibla` l-ilma diga. Sewwa? Hemm, qbadt l-aparat ta` diving.*
*Avukat: Iva,*
*Xhud: Qbadt il-lifting bags u qbadt nerfu, jigifieri*
*Qorti: U qbadt?*
*Xhud: Nerfa` l-bastiment minn wara.*
*Qorti: Okay.*
*Avukat: Jigifieri inti kont l-ewwel persuna li tajt l-ewwel ghajnuna biex nghidu hekk.*
*Xhud: Hekk qisu. Hekk nahseb.'*

Illi, f'dan il-każ l-Qorti hija konvinta ukoll li dan ir-rekwiżit ukoll jirriżulta sodisfatt stante li dak li għamel Ivan Bartolo fil-kapaċità tiegħu bħala għaddas impjegat mas-soċjetà rikorrenti kien volontarju u ma kien hemm ebda obbligu legali minn naħa tas-soċjetà rikorrenti jew l-istess Bartolo li jgħin lid-dgħajsa jew bastiment in kwistjoni. L-istess jista' jingħad għall-impjegati l-oħra nvoluti. Fil-fatt dan lanqas ġie kontestat mill-kontro-parti.

It-tielet rekwiżit – '*the subject of the salvage must be in danger.'*

Illi, mix-xiehda ta` Ivan Bartolo fis-seduta tas-6 ta` Diċembru 2021 (a fol. 62B) ħareġ biċ-ċar li l-bastiment M/Y Leymor '*kien qabad jibla` l-ilma diga'*. Illi, mix-xiehda ta` Giti Adibi Kajvari fis-seduta tas-6 ta` Diċembru 2021 (a fol. 62w et seq) meta mistoqsija hekk:

*'Lawyer: So, in your affidavit you mention and make reference, multiple times in fact to the salvage of the vessel and the salvage operation. Can you please explain to the Court, what you understand by the word salvage?*

*Witness: Salvage means, uh if we weren`t there and*
*[omissis]*
*Witness: If we weren`t there and if my, uh crew wasn`t able to save that boat, that boat that day it was sinking.*
*Lawyer: That is not what I asked you.*
*Witness: Ah sorry.*
*Lawyer: I asked, what do you understand by the word salvage?*
*Witness: Salvage is*
*Lawyer: What is it for?*
*Witness: To save.*
*Lawyer: What is it for you?*
*Witness: For me*
*Lawyer: What does it mean?*
*Witness: To save somebody die, somebody needs help, uh over boat is sinking to save it.*
*Lawyer: So, in general.*
*Witness: To save, yes.'*

Illi, f'dan ir-rigward mill-provi fl-atti jirrizulta li l-bastiment kien fil-periklu possibilment li jegħreq iżda żgur li ssirlu ħafna ħsara fil-magni u li kien bl-intervent tas-soċjetà rikorrenti, tramite Ivan Bartolo bħala l-għaddas impjegat magħha u l-impjegati l-oħra li għenu sabiex jitneħħa l-ilma bl-idejn kif ukoll permezz tal-pompi w'anki twaqqaf iż-żejt milli jinfirex, li ġie eliminat l-perikolu li fill-bastiment M/Y Leymor ikompli dieħel l-ilma u ssirlu aktar ħsara. Fil-fatt ix-xhud George Gauci fis-seduta tas-6 ta` Diċembru 2021 (a fol. 62E et seq) sostna li:

*'l-ilma ma` l-ewwel ha jidħol, u mhux se jtik ċans. Il-compartment huwa żgħir, intellgha kollu.'*

Mix-xhieda ta` Lynsay Bryson fl-affidavit tagħha (a fol. 57) tistqarr li:

*'On the 27th April 2018 we received a phone call from the marina telling us that Leymor has taken on water and was semi submerged (omissis). When we arrived there were lifting bags in place lifting Leymor back up. We (Barra Scuba Limited's Staff) including myself, immediately went on the catamaran and started bailing out water from the engine compartment.'*

Illi, din l-Qorti hija ukoll konvinta li t-tielet rekwiżit ġie ukoll sodisfatt stante li jidher ċar li l-bastiment M/Y Leymor seta' kien fil-perikolu li ssirlu ħsara ulterjuri u possibilment jegħreq kieku ma kienx għal intervent immedjat tas-soċjetà rikorrenti.

(iii) Ir-Raba` u l-aħħar rekwiżit jirrigwarda li *'the service must be successful.'*

Illi, f'dan ir-rigward il-Qorti hi sodisfatta li s-servizz ta' salvataġġ li rrendiet is-soċjetà rikorrenti fil-fatt wassal biex l-bastiment M/Y Leymor ġie salvat mill-possibilita' li jegħreq u ċertament milli ssirlu ħafna aktar ħsara. Il-Qorti tqis li l-fatt li wara xi ħin wasal ukoll l-ekwipaġġ tal-bastiment u għen ukoll sabiex is-sitwazzjoni ġiet kontrollata ma jfissirx li s-soċjeta rikorrenti allura ma rrendietx hi is-servizz ta' salvataġġ.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tqis li r-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex tirnexxi l-azzjoni għal salvataġġ jirriżultaw b'mod suffiċjenti.

Illi dwar l-ammont mitlub il-Qorti rat li s-soċjeta rikorrenti dan ikkolakolatu skont il-ligi b'referenza għall-valur tal-istess bastiment tant li nħadem fuq il-prezz li għalih l-istess bastiment tpoġġa għall-bejgħ. Minn dan il-lat il-bastiment intimat ma kkontestax l-ammont stante li l-insistenza kienet li s-servizz offrut ma kienx jikwalifika bħala salvataġġ w'allura ma kienx dovut il-persentaġġ. Dan l-argument kif ġia suespost qed jiġi miċħud w'għalhekk il-Qorti tqis li l-ammont mitlub kif jidher fid-dokument a fol. 2 tal-proċess huwa ġustifikat.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

(i) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha intimati;

(ii) Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' ħdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800);

(iii) Tordna u tikkundanna lill-bastiment intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' ħdax-il elf u tmien mitt Ewro (€11,800).

Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet legali applikabbli mid-data tas-sentenza  sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Marzu, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Marzu, 2025**